MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 478/2008

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Montaigne Investment (Malta) Ltd (C34649)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u wiehed u sittin Euro u tlett centezmi (€1,061.03), rapprezentanti bilanc in konnessjoni mas-servizz ta' telekommunikazzjoni bl-akkont numru 40045142 skond diversi kontijiet mibghuta lilha, u skond id-dokumenti annessi.

IZY1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40045142
IZY2 ftehim dwar is-servizz telefoniku 40045142

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf u wiehed u sittin Euro u tlett centezmi (€1,061.03), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------